MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 356/2009

**Saviour maghruf bhala Sunny Bellizzi ezercenti l-kummerc taht l-isem B & G Hardware Store**

**vs**

**Timberland Limited (C16878) u Mark Andrew u Rita konjugi Brincat**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mill-attur nhar il-25 ta' Settembru 2009 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu in solidum jew min minnhom is-somma ta' ghaxart elef mija w disgha w ghoxrin Ewro erbgha w tletin centesmu (€10,129.34) dovuti lill-attur, rapprezentanti prezz ta' oggetti ta' *ironmongery* lilhom mibjugha w ikkonsenjati mill-attur.

Il-konvenuti minkejja li interpellati diversi drabi sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' Qbid u tal-mandat ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment u tal-ittra ufficcjali numerata 3334/09 datata 17 ta' Gunju 2009, u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti in solidum jew min minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Brincat fejn esponiet is-segwenti:-
*"Illi t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, fil-konfront tal-eccipjenti u dan peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante s-segwenti ragunijiet:*

*1. Illi l-eccipjenti la qatt ordnat u lanqas qatt ma kellha konoxxenza dwar ordni ta' oggetti ta' ironmongery mibjugha mill-attur.*
*2. Illi in oltre l-eccipjenti qatt ma awtorizzat lill-konvenut Mark Andrew Brincat jakkwista f'ismu personali oggetti ta' ironmongery u certament qatt ma awtorizzatu sabiex f'ismu personali jtella' kreditu tal-ammont reklamat.*
*3. Ili fi kwalunkwu kaz, ghandu jirrizulta illi jekk tali oggetti inbieghu fil-kummerc l-eccipjenti ma tistax tigi mitluba li twiegeb ghal tali talba f'isimha proprju stante li r-relazzjoni guridika ta' l-attur kienet jew mas-socjeta' konvenuta Timberland Limited jew mal-konvenut Mark Andrew Brincat f'ismu proprju u qatt ma kien hemm involviment taghha f'isimha personali.*
*4. Illi jekk ir-relazzjoni guridika ta' l-atttur meta saret l-allegata ordni f'oggetti kienet ma' Timberland Limited, l-ammont dovut ghandu jkun mitlub biss kontra s-socjeta' konvenuta u mhux kotnra l-eccipjenti f'isimha personali.*
*5. Illi min-naha l-ohra jekk l-attur ghamel kummerc mal-konvenut Mark Andrew Brincat f'ismu personali l-eccipjenti titlob illi kwalsiasi ammont li jista' jkun likwidat favur l-attur ma ghandux jtihallas in solidum jew mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konvenuti u dan stante li l-eccipjenti qatt ma awtorizzat tali ordni ta' oggetti ta' ironmongery.*
*Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz."*

Rat illi l-konvenut Andrew Mark Brincat gie notifikat bil-kawza odjerna permezz tal-affissjoni fl-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun, kif ukoll fil-Kunsill Lokali tal-Hamrun u fir-residenza murija fir-rikors promotur.

Illi nhar il-25 ta’ Frar 2010 xehed il-konevnut **Mark Andrew Brincat** u kkonferma li s-socjeta’ konvenuta Timberland Limited verament hija debitrici tal-attur Saviour Bellizzi fl-ammont intier imsemmi fir-rikors promotur ta’ ghaxart elef, mija w disgha w ghoxrin Ewro w erbgha w tletin centezmu (€10,129.34) rappresentanti din is-somma merkanzija relatata ma’ *ironmongery* li huwa xtara ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta.

Rat ir-risposta tal-konvenut Mark Andrew Brincat fejn espona s-segwenti:-

*1. “Illi preliminarjament il-konvenut Mark Andrew Brincat ma huwiex il-legittimu kontradittur u dan ghaliex kull qbil, kuntratt u pagament dejjem saru mis-socjeta’ Timberland Limited u mhux ma’ l-intimat f’ismu personali, u dan kif jidher mill-fatt illi l-ittra ufficcjali numru 3334/09 citata mill-attur stess, giet prezentata kontra s-socjeta’ Timberland Limited u mhux kontra l-eccipjenti personalment. U kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh tal-kaz, u ghalhekk huwa ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju.*
*2. Illi huwa qatt ma gie notifikat b’ebda itta ufficcjali u ghalhekk m’ghandux jehel l-ispejjez jew l-imghax legali kif mitlub fl-avviz.*
3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”*

Rat illi s-socjeta’ konvenuta Timberland Limited giet notifikata bil-kawza odjerna permezz ta’ notifika li saret bil-purtier permezz tal-affissjoni fl-ghassa tal-Pulizija ta’ Hal-Luqa, fil-Kunsill Lokali ta’ Hal-Luqa w fl-indirizz tas-socjeta’ kif indikat fir-rikors promotur (fol. 14 tergo), kif ukoll permezz t’avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar id-29 ta’ Jannar 2010 (fol. 13) u permezz t’avviz li deher fil-gazzetta lokali bl-isem ta’ “*The Times”* nhar il-24 ta’ Frar 2010 (fol. 19), izda dan nonostante s-socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci.

Illi nhar is-6 ta’ Mejju 2010 l-attur **Saviour Bellizzi** pprezenta l-affidavit tieghu li gie markat bhala Dok SB, prospett tal-fatturi dovuti minn Timberland Limited li gew markati bhala Dok. SB1, u prospett ta’ fatturi li huma dovuti mill-konjugi Brincat  li gew immarkati bhala Dok SB2, flimkien ma’ kopja tal-fatturi kollha relattivi.

L-attur **Saviour Bellizzi** fl-affidavit tieghu jikkonerma li huwa jiggestixxi *ironmongery store* fi Triq San Tumas, Luqa, bl-isem ta’ B & G Hardware Store.  Ikkonferma li bejn is-snin 2002 u 2006 huwa kien ghadda diversi konsenji ta’ xoghol lill-konvenut Mark Brincat, sewwa f’ismu personali kif ukoll f’isem is-socjeta’ konvenuta. Spjega li l-prospett immarkat bhala Dok. SB1 huma l-fatturi kollha li nhargu fuq is-socjeta’ konvenuta, w qal li dawn jammontaw ghal total ta’ hdax-il elf, mija w erbghin Ewro w erbgha w hamsin centezmu (€11,140.54) u minn dawn inqata’ l-ammont ta’ elf u wiehed Ewro w tlieta w sittin centezmu (€1001.63) peress li dawn gew imhallsa f’pagamenti akkont matul iz-zmien, u ghalhekk l-ammont dovut illum huwa t’ghaxart elef, mija w tmienja w tletin Ewro w wiehed u disghin centezmu (€10, 138.91).

Qal li barra minn dan, il-konvenut kellu kont iehor maghhom, fejn kien jiehu materjal ghad-dar, u fil-fatt kienu jirreferu ghal dan il-kont bhala Timberland a/c jew a/c 2 Home.  Jghid li l-prospett immarkat bhala Dok. SB2 ghas-somma ta’ tlett mija u hdax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (LM311.62), ekwivalenti ghal sebgha mija w hamsa w ghoxrin Ewro w tmienja w tmenin centesmu (€725.88).

Qal li l-konvenut qatt ma nnega li kellu jhallsu w jghid li l-invoices huma kollha ffirmati minnu jew mil-lavrant tieghu maghruf bhala l-“ispider”.  Jikkonferma li l-ahhar pagament akkont li kien ircieva minghand il-konvenut kien fit-8 ta’ Awissu 2007 fl-ammont ta’ hamsin lira Maltin (LM50).  Huwa baqa’ jinsisti mieghu li kellu jhallsu, izda dan ma riedx.  Kienu waslu fi ftehim, peress li l-konvenut huwa mastrudaxxa, li kellu jahdimlu kcina minflok ma jhallsu, w fil-fatt huwa kien mar ma’ martu fil-fabbrika

tieghu fil-Qasam Industrijali ta' Hal Luqa w flimkien iddiskutew l-ghamla tal-kcina w kif kienet ser tigi mqassma. Minkejja dan pero' l-kcina qatt ma waslet, ghalkemm anke l-injam kienu xtrawlu. Dan il-ftehim tal-kcina kienu ghamluh xi erba' snin qabel ma hejja l-affidavit tieghu. Jghid li pero' l-injam tal-kcina hadu lura xi sentejn wara.

Biex ma jitlifx dak li kellu jiehu, jghid li l-manager tal-hanut tieghu Arthur Giordmaina kien staqsa lill-konvenut sabiex jghamillu xi aperture w Giordmaina jhallas lilu (lix-xhud), pero' lanqas ghal hekk ma wasal. Fil-fatt fis-sena 2009 Giordmaina kien qabbad lil haddiehor sabiex jaghmillu x-xoghol. Meta ra li l-konvenut ma kienx ser ihallsu, huwa pprezenta l-kawza odjerna. Jikkonferma li ma fetahx il-kawza qabel ghaliex dejjem ittama li kien ser jithallas.

In kontro ezami nhar is-16 ta' Novembru 2010 jghid li l-konvenut kien jiehu x-xoghol ghad-dar u meta hu ra li l-konvenut ma kienx hallsu w ma kkonsenjax il-kcina w il-bibien li kien ipprometta li jaghmel, huwa kellu jipprezenta din il-kawza sabiex jigbor flusu w ihallas lid-debituri tieghu. Qal li l-konvenut kellu kont intestat 'home' ghaliex kien jghix id-dar mal-konvenuta w kien ghalhekk li fitttixhom it-tnejn. Qal li Mark kien jghidlu sabiex jiehu l-i*statements* id-dar, izda martu, cioe' l-konvenuta Rita Brincat, qatt ma ffirmathomlu. Jichad li huwa pprezenta ittra ufficcjali kontra l-konjugi Brincat personalment.

**Emma Bellizzi**, mart l-attur, xehdet nhar is-6 ta' Mejju 2010 u kkonfermat li s-Sur Brincat tas-socjeta' Timberland Limited kien mar id-dar taghhom f'zewg okkazjonijiet biex jiehu xi kejl biex jahdmilhom kcina, peress li huwa kien xtara xi affarijiet mill-hanut taghhom li huwa *ironmongery* u kienu ftiehmu li flok ma jhallashom lura jaghmlilhom il-kcina. Tispjega li effettivament kien mar jiehu l-kejl xi erba' snin qabel ma xehdet, pero' l-kcina qatt ma waslet u lanqas ma hadu lura l-flus li kellhom jiehdu minghandu. Tghid li sahansitra anke kienu xtrawlu l-injam sabiex jahdem il-kcina, w dan kien xi sentejn qabel ma xehdet. Qalet li taf li anke kien wieghed lil *partner* ta' zewgha li

kien ser jahdimlu xi bibien, u dawn ukoll ma waslux. Qalet li l-konvenut kienet iltaqghet mieghu personalment meta kienet marret il-fabbrika tieghu u anke meta mar id-dar taghha biex ha l-kejl.

**Arthur Giordmaina** xehed fl-24 ta' Mejju 2010 u spejga illi huwa jahdem mal-attur bhala *salesman* tieghu fil-hanut taz-zebgha li ghandu. Ikkonferma li l-hanut jismu B & G Hardware Store. Spejga li Mark Andrew Brincat kellu zewg kontijiet maghhom, wiehed f'ismu personali w l-iehor tas-socjeta' Timberland Limited. Ikkonferma li l-konvenut kien imur fil-hanut taghhom u jixtri hafna affarijiet konnessi mal-generu taghhom ta' *ironmongery,* u kull darba li kien jiehu x-xoghol kien jiffirma l-*invoice* u s-somma dejjem toghla. Qal li fil-fatt jekk ma kienx sejjer zball il-kont kien tela' aktar minn ghaxart elef Ewro. Qal li fil-bidu kien ihallas izda meta l-kont tela' hafna waqaf milli jaghmel aktar pagamenti. Jghid li wara xi zmien kien ftiehem mal-attur li kellu jahdimlu xi kcina w sahansitra l-attur kien anke mar u xtralu l-injam biex jahdimhielu, pero' x-xoghol qatt ma sar. Qal li jekk mhux sejjer zball il-kwistjoni tal-kcina qamet fis-sena 2006 jew 2007. Qal li huwa wkoll kellu bzonn xi xoghol t'apeturi tal-injam u kien ftiehem mieghu li jekk jaghmillu x-xoghol tal-aperturi huwa kien lest li jhallas lill-attur hu stess. Qal li huwa ghamel dan il-ftehim mal-konvenut fis-sena 2008, pero' sas-sena ta' wara x-xoghol ma kienx tlesta. Lill-mara tal-konvenut ma jafhiex u qatt ma raha. Ma jafx min fetah il-kontijeit tal-konvenut, izda qal li mhux hu ghax hu *salesman* biss. Mistoqsi jghid kemm ghandha ttih is-socjeta' konvenuta w kemm ghandu jtih il-konvenut *de proprio*, jghid li ma jafx.

Nhar it-13 ta' Lulju 2010 il-**konvenuta Rita Brincat**ipprezentat l-affidavit taghha li jinsab esebit a fol. 100 tal-process. Hija spjegat li ghaddejja minn separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut Mark Andrew Brincat u tghid li kien ilhom bil-problemi sa mis-sena 2006, u kien ilhom jghixu separati ghal madwar sentejn. Tghid li hija qatt ma awtorizzat lil zewgha sabiex jaghmel xi dejn f'isimha, la qabel is-separazzjoni u wisq inqas wara li bdew jghixu separatament. Qalet li kull ma kien jixtri zewgha kien f'isem is-socjeta' konvenuta w qalet li

ghalkemm hija kienet Direttur, il-gestjoni ta' l-istess kienet f'idejh. Hija ma kinitx taf li zewgha kien qed jagixxi f'ismu personali meta jaghmel xi negozju. Tghid li tant kien minnu li zewgha kien jinnegozja f'isem is-socjeta' konvenuta, li meta l-attur kien ipprezenta ittra ufficcjali, dan kien baghatha kontra s-socjeta' konvenuta biss u mhux fil-konfront taghha w ta' zewgha personalment. Kif jirrizulta mid-dokument esebit u markat bhala Dok A.

Qalet li lill-attur la tafu w lanqas qatt ma ma kellmitu, w ghalhekk m'ghandhiex twiegeb ghad-dejn li ghamel zewgha mieghu. Tghid li hija m'ghandha qatt tinzamm responsabbli ghal xi negozju li seta' ghamel zewgha minghajr il-kunsens taghha.

Illi nhar l-15 ta' Frar 2011 in kontro-ezami ikkonfermat li hija ma tafx lill-attur u qatt ma tkellmet mieghu, u li hija qatt ma ghamlet negozju mieghu. Spjegat li ghadejja min proceduri ghas-separazjoni minn ma' zewgha w x'negozju ghamel zewgha mal-attur ma tafx.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-15 ta' Frar 2011 u rat li l-partijiet awtorizzawha sabiex tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi in sintezi l-attur f'din il-kawza qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti in solidum jew individwalment sabiex ihallsuh tad-debitu taghhom, liema debitu jirrapprezenta bejgh ta' mercja mill-hanut tieghu bl-isem B&G Hardware Store. L-attur in sostenn tat-talba tieghu esebixxa zewg prospetti li humwa mmarkati bhala Dok. SB 1 u SB 2. L-*invoices* annessi mad-dokument SB1 huma kollha ntestati lis-socjeta' konvenuta Timberland Limited u jammontaw ghal hdax-il elf mija w erbghin Ewro u erbgha w hamsin centezmu (€11,140.54). Pero' fix-xhieda tieghu l-attur jghid li s-socjeta' konvenuta kienet ghamlet xi pagamenti fl-ammont ta' elf u wiehed Ewro u tlieta w sittin centezmu (€1001.63) u ghalhekk illum il-bilanc dovut lilu minn din is-socjeta' jammonta ghal ghaxart elef, mija w tmienja w tletin Ewro u wiehed u

disghin centezmu (€10,138.91), kif mistqarr minnu stess fl-affidavit li rrilaxxja.

Illi s-socjeta' konvenuta Timberland Limited hija kontumaci w qatt ma kkontestat dan l-ammont, anzi d-Direttur taghha, cioe' l-konvenut Mark Andrew Brincat, jghid li verament is-socjeta' konvenuta hija debitrici tal-attur fl-ammont reklamat minnu. Ghaldaqstant, m'hemmx dubbju li dan id-debitu huwa dovut minnha.

Dwar it-tieni prospett, u cioe' Dok. SB2, jidher li l-ammnt dovut fuqu huwa fl-ammont ta' sebgha mija w hamsa w ghoxrin Ewro u tmienja w tmenin centezmu (€725.88) (ekwivalenti ghal tliet mija w hdax-il Ewro u tnejn u sittin centezmu [LM 311.62]). Dan il-kont huwa ntestat f'isem Timberland House u l-attur jghid li l-konvenut kien jiehu l-affarijiet hemm imsemmija fl-invoices annessi mad-dokument SB2 ghad-dar. Jidher li l-ewwel kont kien hareg fit-12 ta' Jannar 2002 u l-ahhar kont huwa datat 18 ta' Mejju 2006. Il-konvenut Mark Andrew Brincat xehed u kkonferma li l-kontijiet li huwa ffirma ghalihom kienu dovuti w fl-ebda hin ma kkontesta l-ammonti hemm imsemmija, w in oltre qatt ma gie mistoqsi mill-ebda parti jekk l-oggetti msemmija fil-prospett immarkat bhala SB2 effettivament kinux oggetti wzati fid-dar matrimonjali. Illi ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova, w fid-dawl tax-xhieda tal-attur li l-oggetti hemm indikati kien johodhom ghad-dar, din il-Qorti tasal biex tghid li dan it-tieni kont jghajjat lill-komunjoni tal-akkwisti.
L-**Artikolu 1327** tal-Kodici Civili jipprovdi dwar id-djun li ghandhom imorru ghal komunjoni w fost id-djun hemm imsemmija nsibu s-sub inciz (b) li jipprovdi s-segwenti:-

**1327.** ***"****Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:*

*(b) l-ispejjeż u l-obbligi li jkunu saru għall-amministrazzjoni ta' l-akkwisti, ħlief dawk l-ispejjeż li jsiru b'atti li jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jsiru minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra;"*

Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-oggetti li gew indikati fl-inovices ma ntuzawx ghall-amministrazzjoni ta' l-akkwisti, ghaliex l-oggetti hemm indikati huma oggetti li facilment jistghu jintuzaw fid-dar f'kaz ta' tiswijiet.

**L-artikolu 1322.** (1) jipprovdi li "*L-amministrazzjoni ordinarja ta' l-akkwisti u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull waħda mill-partijiet miżżewġa.*

*(2) Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien*."

U fis-sub inciz 3 (g) insibu s-segwenti bhala atti ta' amministrazzjoni straordinarja:

(*g*) "*l-akkwist ta' proprjetà mobbli jew ta' xi jedd ta' użu jew tgawdija ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli li l-prezz tiegħu ma jitħallasx mal-konsenja jew qabel: Iżda dan ma japplikax għal xi dejn magħmul*".

Illi ghalhekk id-dejn li kkreja l-konvenut Mark Andrew Brincat ghan-nom tal-komunjoni tal-akkwisti ghandu jigi kunsidrat bhala att ta' amministrazzjoni straodinarja, w dan ghaliex kienu l-akkwist ta' proprjeta mobbli li l-prezz tieghu ma thallasx mal-konsenja w lanqas qabel. Dan hu l-istess hsieb abbraccjat fis-sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **J & E Griscti Limited Vs Sant Jesmond et** moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Jannar 2007.

Kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha moghtija fil-15 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet **Korporazzjoni Telemalta Vs Hili Diane et:-**

*"Iz-zewg mizzewgin huma responsabbli flimkien ghal djun tal-komunjoni ta' l-akkwisti. L-eventwali kwistjonijiet bejn mizzewgin dwar ir-responsabilita` ghal tali djun huma res inter alios acta*."

F’dan il-kaz veru li l-konvenuta setghet ma kinitx taf bid-djun ta’ zewgha ghaliex kif tghid hi stess lill-attur lanqas qatt ma ratu jew kellmitu, izda xort ghandha terfa’ r-responsabilita’ taghha in solidum ma’ zewgha bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Veru wkoll li llum il-gurnata hemm proceduri ghas-separazzjoni personali taghha minn ma’ zewgha, pero’ dawn il-proceduri gew inizjati hafna wara li gie kostitwit dan id-dejn.

L-avukat difensur tal-konvenuta tghid li parti mid-dejn huwa preskritt, pero’ dwar dan ma tghid xejn fl-eccezzjonijiet taghha w fl-ebda hin ma tindika lill-Qorti taht liema disposizzjoni tal-Ligi dan id-dejn huwa preskritt. Illi kif gie kostantement ripetut fil-gurisprudenza nostrana, l-artikolu tal-ligi li abbazi tieghu wiehed ikun qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni, ghandu jigi ndikat b’mod car u esplicitu minn min jinvokaha (‘**Francis Bugeja nomine vs Indri Mercieca’,** Appell deciz fid-29 ta’ Mejju 2000).

“Skond l-**Art.2111** tal-Kapitolu 16 il-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti nteressata; li jfisser li l-Qorti ma tistax tissupplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti w m’ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b’mod car u esplicitu minn min jinvokaha” [PA.[PS] **Donald Manche noe vs Joseph Said - 28 ta’ Gunju 2003** –].

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tista’ qatt tiddikjara li hemm parti mid-dejn li huwa preskritt.

**Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba tal-attur u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Brincat, b’dan illi qieghda tikkundanna lis-socjeta’ Timberland Limited thallas lill-attur is-somma ta’ ghaxart elef, mija, tmienja w tletin Ewro u wiehed u disghin centesmu (€10,138.91) u lill-konvenuti Mark Andrew u Rita konjugi Brincat sabiex in solidum ihallsu s-somma ta’ sebgha mija hamsa u ghoxrin Ewro w tmienja u tmenin centesmu (€725.88).**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu in kwantu ghal wahda minn hdax mill-konjugi Brincat in solidum bejniethom, u r-rimanenti ghaxra minn hdax mis-socjeta' konvenuta Timberland Limited.**

**Dwar l-imghax fil-konfront tas-somma likwidata li ghandha tithallas mis-socjeta' konvenuta, l-imghax ghandu jibda jiddekorri mill-prezentata ta' l-ittra ufficcjali li saret fil-konfront taghha w cioe nhar is-17 ta' Gunju 2009, filwaqt li fil-konfront tal-ammont likwidat u li ghandu jithallas mill-konjugi Brincat in solidum l-imghax ghandu jibda jiddekorri millum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------